



19.10.2012

A7-0293/2012/err01

ERRATUM

għar-rapport

dwar l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs): kompetittività u opportunitajiet
kummerċjali
(2012/2042(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Paul Rübig
A7-0293/2012

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Wara paragrafu 23, is-sezzjoni "Il-Promozzjoni ta' raggruppamenti u netwerks tal-UE" hija rinumerata kif ġej:

24. Jappoġġja s-suġġeriment tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn assoċjazzjonijiet tal-kumpaniji differenti, il-kmamar tal-kummerċ u atturi oħrajn attivi fis-suq uniku u fpajjizi terzi sabiex ikunu ffaċilitati s-sħubijiet kummerċjali u jiġu promossi r-raggruppamenti u l-aċċess għas-swieq ġodda, filwaqt li jitħeġġeġ il-proċess ta' internazzjonalizzazzjoni mil-livell ta' negozji individwali għal dak tan-netwerks jew ta' katini ta' sistemi f'postijiet differenti, biex jiġu promossi proġetti ta' internazzjonalizzazzjoni aktar kumplessi u li jservu aktar u li jkunu jinvolvu numru ta' intrapriżi u organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet pubbliċi ta' appoġġ oħra;
25. Jenfasizza l-importanza tat-territorju li fih l-impriżi żgħar u medji joperaw u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw b'mod kontinwu mal-awtoritajiet lokali biex isaħħu n-networking;
26. Iqis li għandhom jinħolqu proġetti konġunti jew ftehimiet oħra ta' assoċjazzjoni bejn jew mal-SMEs bħala strateġija biex jidħlu fi swieq ġodda, jiżviluppaw proġetti ta'

investiment dirett fis-suq uniku u fpajjiżi terzi u jieħdu sehem fis-sejħiet għal offerti; jistieden lill-Kummissjoni timmobilizza riżorsi sabiex tippromwovi din il-kooperazzjoni transnazzjonali;

27. Jinnota li r-raggruppamenti u n-netwerks jistgħu, ħafna drabi, jinħolqu kemm b' mod virtwali kif ukoll fiżikament; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa sabiex jiffaċilitaw ir-raggruppamenti u n-netwerks virtwali;
28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw b' mod attiv ir-rwol tal-Kummissjoni fl-għoti ta' spinta lill-aċċess tal-SMEs għal swieq ta' pajjiżi terzi f' forums u konferenzi internazzjonali;

(Taffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha, minbarra id-Daniż, l-Ispanjol u l-Grieg.)